MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 373/2006

Il-Pulizija
(Spt. A. Miruzzi)

Vs

Lorraine Falzon

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-20 t'Awissu, 2006, ghall-habta tas-2.15 p.m, fil-Bajja tal-Gnejna, f'xatt il-bahar, kienet gharwiena jew ma kienitx liebsa xieraq u dan bi ksur tal-Artikolu 338 tal-Kapitolu 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Novembru, 2006, li biha, wara li rat l-artikolu 338q tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti hatja tal-akkuza izda lliberataha

bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien gimgha, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-21 ta’ Novembru, 2006, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberaha minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ravvizata mid-difiza.

Rat illi fost l-aggravji tal-appellanti hemm is-segwenti :-

“Kwalunkwe dikjarazzjoni ta’ htija, anki jekk it-trattament ikun taht il-Kap.446, ikun jikkostitwixxi ksur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem, li hadd ma jista’ jinstab hati ta’ reat li mhux reat.”

Illi fil-kors tal-udjenza tal-25 ta’ Jannar, 2007, gie verbalizzat li :

“Dr. Joseph Brincat , b’riferenza ghall-ahhar aggravju tieghu dwar il-kwistjoni ta’ indoli Kostituzzjonali li tiskaturixxi mill-incertezza tal-ligi fl-artikolu 338(q) u partikolarment fit-tieni ipotesi tieghu, jiddikjara li ser jinsisti fuq din il-linja u ser jitlob riferenza lill-Qorti Kostituzzjonali. “

Ghalhekk hu talab ftit taz-zmien biex isostni t-talba tieghu b’ nota.

Rat in-Nota tal-appellanti minnha pprezentata fit-8 ta’ Frar, 2007;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-20 ta’Frar, 2007;

Ikkonsidrat;

Illi fin-nota tal-appellanti hija qajjmet formalment il-kwestjoni tal-incertezza tal-ligi u l-kriterju assolutament

soggettiv ghal gudikant tat-tieni parti tal-artikolu 338(q) li jghid "*fil-portijiet, fi xtut il-bahar jew f' lok iehor pubbliku, jinza gharwien jew ma jkunx liebes xieraq.*" L-ilment hu fuq il-parti sottolineata. Tkompli tghid li fil-waqt li fl-ewwel parti l-element kostituttiv tar-reat huwa espress car fil-ligi, u ghalhekk hu projbit "*nude bathing*", fit-tieni parti l-*actus reus* mhux stabbilit mill-ligi imma huwa mholli ghall-apprezzament tal-gudikant jew tal-prosekuzzjoni li taghzel li tipprosegwixxi. Il-kriterju hu ukoll relattiv u jiddependi minn kriterji jew forma mentis tal-gudikant. F'dan il-kaz ta' kontravvenzjoni ma hux mehtieg mens rea, imma waqt li l-kontravenzjonijiet l-ohra jispecifikaw x' inhu l-*actus reus*, f' dan il-kaz hemm mhux semplicement latitudini ta' interpretazzjoni, imma ma hemmx f' hiex jikkonsisti r-reat **bhala fatt.** Anzi l-uniku fatt li hemm huwa li persuna tkun *"liebsa*" imma umbaghad kwalifikata *"mhux xieraq"*. Dan il-kliem ihalli diskrezzjoni assoluta ghall-gudikant.

l-Appellanti mbaghad ghamlet riferenza ghas-sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawzi "**Kokkinakis vs.Greece**"[ 25.5.1993] u **"Achour vs. France**" [26.3.2006].

Da parti taghha l-prosekuzzjoni fin-nota taghha ssottomettiet li l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jghid is-segwenti :-

"(i) No one shall be guilty of any criminal offence on account of any act or omission which did not constitute a criminal offence under national or international law at the time when it was committed."

Li ai terminu ta' dan l-artikolu :-

(i) huwa projbit li persuna tigi akkuzata b' reat meta fil-mument meta hija ikkommettiet l-att, dak l-att ma kienx jammonta ghal reat , i.e. retroactive application of a criminal offence;
(ii) persuna tista' titressaq biss ghal reat illi kien jammonta ghal tali meta gie kommess l-att;

(iii) isegwi illi sabiex tkun taf jekk l-azzjoni hijiex wahda kriminali jew le , jehtieg li l-ligi li tikkostitwixxi dak ir-reat tkun accessibbli u cara, i.e. *"legal certainty."*

Li ghal kuntrarju ta' dak li qed tghid l-appellanti, l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikax ghal kaz odjern ghas-segwenti ragunijiet :-
(a) dan l-artikolu huwa wiehed minn-numru ta' artikoli ohra tal-ligi li jirregolaw l-ordni pubbliku, ghaldaqstant dan l-artikolu m' ghandux jinqara in vacuum izda ghandu jinqara u jinftiehem fil-kuntest ta' ordni pubbliku ;
(b) din il-kontravvenzjoni ilha ssehh mis-sena 1854 u kienet soggetta ghal emenda wahda biss permezz ta' l-Att XLI ta' l-1933;
(c) li l-att li bih taw lok ghal proceduri gudizzjarji kontra l-appellanti sehhew fis-sena 2006, ghexiren ta' snin wara d-dhul fis-sehh ta' dan l-artikolu tal-ligi f'Malta kemm fil-forma originali tieghu kif ukoll hekk kif sussegwentement emendat;
(d) mhux minnu li l-artikolu 338(q) huwa nieqes mill-kjarezza rikjesta mill-ligi minhabba li huwa l-agir tal-persuna tramite l-ilbies illi hija tilbes (jew ma tilbisx) illi jwassal ghall-agir kontra l-interess ta' l-ordni pubbliku u ghaldaqstant ghal kontravvenzjoni ai termini ta' l-artikolu 338 (q)
(e) mhux minnu illi sabiex ligi tkun cara (u ghaldaqstant konformi ma' l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea) l-artikolu tal-ligi jehtieg illi jeskludi kull lok ghal interpretazzjoni .

L-Avukat Generali umbaghad ghadda biex iccita brani mis-sentenzi tal-Qorti Ewropea fil-kawzi **"CR v. UK** (2.11.2005); **Achour v. France** (29.3.2006) **u Handyside v.UK.**

Ikkonsidrat;

Illi bl-emenda introdotta ghall-artikolu in dizamina bl-Att XLI tas-sena 1933, li dak iz-zmien kien enumerat 339(21), il-kontravvenzjoni ta' min, fil-portijiet, fuq l-ispjageg marittimi, vicin l-abitat, jesponi ruhu gharwien,

biex jghum jew biex jistghad jew jigbor il-frott tal-bahar, giet mibdula biex tinkludi ukoll dik ta' min fil-portijiet, fuq l-ispjageg marittimi jew f' kull post iehor pubbliku, jesponi ruhu gharwien jew mhux liebes xieraq.(fit-test Ingliz "*whosoever in the harbours, on the sea-shore or in any other public place , exposes himself naked or indecently dressed."*)

Illi ghalhekk il-parti tas-subartikolu 338(q) li qed tigi impunjata hija dik li giet mizjuda bl-emenda tal-1933. Hu ghalhekk ovvju li l-fatt li kien ilha tifforma parti mill-ligijiet ta' Malta mill-1854 ma jreggix. S'intendi mill-1933 'l hawn kien hemm diversi kazijiet fejn il-Qrati, rinfaccjati b' akkuzi simili, fejn dawn gew kontestati, kellhom jirrikorru ghall-interpretazzjoni soggettiva taghhom biex jeddeciedu x' jikkostitwixxi ilbies mhux xieraq u ghamlu dan fil-kontest ta' ambjent, lok , il-hin u fatturi ohrajn (ara il-kaz klassiku **"Il-Pulizija vs. Christine Adams"** (1962) per Magt. Dr. J. Debono - mhux appellata), fejn kien gie deciz li mara li tkun liebsa bikini fuq ix-xtajtha, filghodu, fil-Bajja ta'San Gorg, San Giljan, ma kienetx liebsa mhux xieraq ghall-fini ta' din il-kontravvenzjoni. Minn dak iz-zmien ghaddew aktar minn hamsa w erbghin sena w certi koncetti ta' x' inhu ilbies xieraq u x' mhux komplew jevolvu jew jiddeterjoraw skond kif wiehed ihares lejn din il-kwistjoni. Tkun xi tkun il-fehma tal-gudikant individwali, fl-assenza ta' dispozizzjoni cara u tonda x' jista u x' ma jistax jintlibes, il-kwistjoni ser tibqa' wahda soggettiva ghall-ahhar u apparti mill-fatturi ta' post u hin u cirkostanzi tiddependi mill-*forma mentis* ossia l-*make up* psikologiku w morali w l-ottika tal-gudikant partikolari. Ikun hemm kazijiet ta' ilbies mhux xieraq ovvji ghal x' uhud u inqas ovvji ghall-ohrajn.

l-analogija li saret waqt it-trattazzjoni bejn it-tieni ipotesi tal-art. 338(q) ma kontravvenzjoni konsistenti fi projbizzjoni ta' ipparkjar fejn il-magistrat jista' jidhirlu li m'ghandekx tipparkja, tikkristallizza d-diffikulta' li qed tigi sollevata mill-appellanti f' dan il-kaz dwar ic-*certainty of the law*. L-appellanti qed targumenta li r-reat ta' ilbies mhux xieraq m' ghandux jiddependi biss mill-fehma soggettiva tal-gudikant.

Il-fatt li din il-kontravvenzjoni qatt ma giet impunjata fiz-zmien li ilha tezisti fil-forma prezenti taghha fuq lis-*statute book,* cioe' mill-1933, ma jfissirx li din l-impunjazzjoni ma tistax issir issa, wara li bl-Att XIV tal-1987 (Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta) Malta addottat id-dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Qabel il-1987 ma kienx possibbli li tigi attakkata xi dispozizzjoni tal-ligi b' riferenza ghall-artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Inoltre kien hemm zmien twil mill-1964 il quddiem meta id-dispozizzjonijiet tal-Kodici Krimiali ma setgux jigi impunjati ghax jilledu d-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Ghalhekk il-fatt li din hija l-ewwel darba li din il-kwistjoni kostituzzjonali qed titqajjem, zgur ma jfissirx li ma tistax titqajjem issa, kif donnu qed jargumenta l-Avukat Generali.

Illi ghalhekk din il-Qorti ma thossx li tista' tiddisponi minn din il-kwistjoni billi tiddikjaraha bhala wahda *"frivola jew vessatorja",*

Illi l-Art. 46 (3) Tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 (3) ta' l-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap.319) jipprovdu li jekk f'xi proceduri f' xi Qorti li ma tkunx il-Prim' Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l- artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, dik il-Qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kemm il-darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja; w dik il-Qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skond dan is-subartikolu w l-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

Ghalhekk, rinfaccjata b' din il-pregudizzjali sollevata mill-appellanti w talba biex din il-Qorti tirriferixxi l-kwistjoni lill-Qorti Civili, Prim' Awla, din il-Qorti ser ikollha, a tenur tal-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni, w l-artikolu 4 (3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319), tibghat, kif qed tibghat, il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili

biex taghti d-decizjoni taghha fuq il-kwistjoni kostituzzjonali sollevata mill-appellanti fir-rikors tal-appell taghha kif ukoll fin-nota fuq imsemmija tal-appellanti tas-6 ta’ Frar, 2007 u tal-verbal registrat fl-udjenza tal-25 ta’ Jannar, 2007, u dana skond il-ligi  u tiddifferixxi l-kawza “*sine die*“ sakemm ikun hemm ezitu definittiv fil-proceduri li ser isiru b‘ konsegwenza ta‘ din ir-referenza kostituzzjonali .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------